Nru. 18,229
Prezz/Price
€0.37 (Lm0.16)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 15 ta' April, 2008
Tuesday, 15th April, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 326

NOMENKLATURA TA' MINISTRI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva t-tibdil li ġej fin-nomenklatura tal-Ministri msemmija hawn taħt, b'seħħ mill-11 ta' April, 2008:

(a) Ministru għall-Komunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali għandu jinbidel għal Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni;

(b) Ministru għall-Edukazzjoni u Kultura għandha tissejjaħ Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport; u

(ċ) Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment għandu jkun Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investment.

Il-15 ta' April 2008
(COF/504/2008)

GOVERNMENT NOTICE

Nru. 326

DESIGNATION OF MINISTERS

IN exercise of the powers conferred by section 82 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has approved the following changes in designation of Ministers, with effect from 11th April, 2008:

(a) Minister for Communications and National Projects to be changed to Minister for Infrastructure, Transport and Communications;

(b) Minister of Education and Culture to be styled as Minister of Education, Culture, Youth and Sport; and

(c) Minister of Finance, Economy and Investment to read Minister of Finance, the Economy and Investment.

15th April, 2008

ATT TA' L-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali li ġew inkarigati b'*Writ* bid-data ta' l-4 ta' April, 2008, bil-firma u s-siġill tal-President ta' Malta, biex jagħmlu elezzjoni ta' tnax-il Membru tal-Kamra tad-Deputati biex jimtlew il-postijiet li tbattlu mis-Sur Robert Arrigo, M.P., għad-Disa' Distrett Elettorali; is-Sur Evarist Bartolo, B.A. (Hons.), M.Ed. (Wales), M.P., għall-Għaxar Distrett Elettorali; id-Dott. Tonio Borg, LL.D., M.P., għall-Ħdax-il Distrett Elettorali; is-Sinjura Dolores Cristina, B.A. (Hons.), M.P., għall-Għaxar Distrett Elettorali; is-Sinjura Helena Dalli, B.A. (Hons.), M.P., għat-Tielet Distrett

GENERAL ELECTIONS ACT, 1991

Notice

The Electoral Commissioners duly entrusted by a Writ dated 4th April, 2008, under the hand and seal of the President of Malta, to cause an election of twelve Members of the House of Representatives to fill the seats vacated by Mr Robert Arrigo, M.P., for the Ninth Electoral Division; Mr Evarist Bartolo, B.A. (Hons.), M.Ed. (Wales), M.P., for the Tenth Electoral Division; Dr Tonio Borg, LL.D., M.P., for the Eleventh Electoral Division; Ms Dolores Cristina, B.A. (Hons.), M.P., for the Tenth Electoral Division; Ms Helena Dalli, B.A. (Hons.), M.P., for the Third Electoral

Elettorali; id-Dott. Michael Falzon, LL.D., M.P., għat-Tieni Distrett Elettorali; is-Sur Tonio Fenech, B.A.(Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A.A., M.P., għat-Tnax-il Distrett Elettorali; id-Dott. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., għat-Tieni Distrett Elettorali; id-Dott. Charles Mangion, B.A.(Hons.), LL.D., M.P., għas-Sitt Distrett Elettorali; is-Sur Jeffrey Pullicino, B.Ch.D.(Hons.), M.P., għas-Seba' Distrett Elettorali, id-Dott. Alfred Sant, M.Sc., M.B.A., D.B.A.(Harvard), M.P., għat-Tmien Distrett Elettorali u d-Dott. George Vella, M.D., M.P., għall-Ħames Distrett Elettorali, jgħarrfu b'dan illi l-persuni murija hawn taħt ġew nominati validament skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 19 tar-regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, jiġifieri:

It-Tieni Distrett Elettorali

(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Michael Falzon, LL.D., M.P.)

Agius Christopher
Law Rita
Mifsud Duncan
Vella Bonnici Joseph

It-Tieni Distrett Elettorali

(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.)

Spiteri Stephen

It-Tielet Distrett Elettorali

(biex jimtela' l-post li tbattal mis-Sinjura Helena Dalli, B.A. (Hons.), M.P.)

Abela Joseph
Agius Christopher
Bonnici Owen
Buttigieg Ivan Vladimir
Grech Etienne
Law Rita
Marmarà Darren

Il-Ħames Distrett Elettorali

(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. George Vella, M.D., M.P.)

Farrugia Joseph
Izzi Savona Silvio
Micallef Edric
Sammut Joseph Mario

Division; Dr Michael Falzon, LL.D., M.P., for the Second Electoral Division; Mr Tonio Fenech, B.A.(Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A.A., M.P., for the Twelfth Electoral Division; Dr Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., for the Second Electoral Division; Dr Charles Mangion, B.A.(Hons.), LL.D., M.P., for the Sixth Electoral Divisions; Mr Jeffrey Pullicino, B.Ch.D.(Hons.), M.P., for the Seventh Electoral Division; Dr Alfred Sant, M.Sc., M.B.A., D.B.A.(Harvard), M.P., for the Eighth Electoral Division and Dr George Vella, M.D., M.P., for the Fifth Electoral Division, hereby notify that the following persons have been validly nominated in accordance with the provisions of regulation 19 of the regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act, 1991, viz:

Second Electoral Division

(to fill the seat vacated by Dr Michael Falzon, LL.D., M.P.

Second Electoral Division

(to fill the seat vacated by Dr Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.)

Third Electoral Division

(to fill the seat vacated by Ms Sinjura Helena Dalli, B.A. (Hons.), M.P.)

Fifth Electoral Division

(to fill the seat vacated by Dr George Vella, M.D., M.P.)

Is-Sitt Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Charles Mangion, B.A.(Hons.), LL.D., M.P.)

Sixth Electoral Division
(to fill the seat vacated by Dr Charles Mangion, B.A.(Hons.), LL.D., M.P.

Gulia Gavin
Muscat Sebastian
Schembri Saviour

Is-Seba' Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mis-Sur Jeffrey Pullicino, B.Ch.D.(Hons.), M.P.)

Seventh Electoral Division
(to fill the seat vacated by Mr Jeffrey Pullicino, B.Ch. D.(Hons.), M.P.)

Abela Anthony
Agius Emanuel
Azzopardi Jacqueline
Farrugia Galea Joan Ann
Mifsud Philip
Musumeci Robert
Vassallo David

It-Tmien Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Alfred Sant, M.Sc., M.B.A., D.B.A.(Harvard), M.P.)

Eighth Electoral Division
(to fill the seat vacated by Dr Alfred Sant, M.Sc., M.B.A., D.B.A.(Harvard), M.P.)

Bugeja Anthony
Buttigieg John
Debono Grech Joseph
Zammit Lewis Edward

Id-Disa' Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mis-Sur Robert Arrigo, M.P.)

Ninth Electoral Division
(to fill the seat vacated by Mr Robert Arrigo, M.P.)

Falzon Joseph
Felice Donald Carmel
Frendo Michael
Galea Franco
Gouder Karl
Muscat Noel
Psaila Philip
Rizzo Naudi John Mary k/a John
Sapiano Georg
Selvaggi Charles

L-Għaxar Distrett Elettorali
(biex jimtela' l-post li tbattal mis-Sur Evarist Bartolo, B.A. (Hons.), M.Ed. (Wales), M.P.)

Tenth Electoral Division
(to fill the seat vacated by Mr Evarist Bartolo, B.A. (Hons.), M.Ed. (Wales), M.P.)

Bonett Christian Paul
Cauchi Gino
Cuschieri Joseph
Debono Martin

L-Għaxar Distrett Elettorali

(biex jimtela' l-post li tbattal mis-Sinjura Dolores Cristina, B.A. (Hons.), M.P.)

Tenth Electoral Division

(to fill the seat vacated by Ms Dolores Cristina, B.A. (Hons.), M.P.)

Borg Olivier Paul
Falzon Joseph
Felice Donald Carmel
Frendo Michael
Galea Franco
Gouder Karl
Psaila Philip

Il-Ħdax-il Distrett Elettorali

(biex jimtela' l-post li tbattal mid-Dott. Tonio Borg, LL.D., M.P.)

Eleventh Electoral Division

(to fill the seat vacated by Dr Tonio Borg, LL.D., M.P.)

Asciak Michael
Bonnici Charlò
Castaldi Paris Ian
Farrugia Shirley
Galea Vincent
Scerri Victor George
Zammit Montebello John

Il-Tnax-il Distrett Elettorali

(biex jimtela' l-post li tbattal mis-Sur Tonio Fenech, B.A.(Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A.A., M.P.)

Twelfth Electoral Division

(to fill the seat vacated by Mr Sur Tonio Fenech, B.A.(Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A.A., M.P.)

Abela Anthony
Cutajar Robert
Fenech Martin
Galea Vincent

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tad-Dott. Michael Falzon, LL.D., M.P., għat-Tieni Distrett Elettorali; id-Dott. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., għat-Tieni Distrett Elettorali; is-Sinjura Helena Dalli, B.A. (Hons.), M.P., għat-Tielet Distrett Elettorali; id-Dott. George Vella, M.D., M.P., għall-Ħames Distrett Elettorali; id-Dott. Charles Mangion, B.A.(Hons.), LL.D., M.P., għas-Sitt Distrett Elettorali; is-Sur Jeffrey Pullicino, B.Ch.D.(Hons.), M.P., għas-Seba' Distrett Elettorali; id-Dott. Alfred Sant, M.Sc., M.B.A., D.B.A.(Harvard), M.P., għat-Tmien Distrett Elettorali; is-Sur Robert Arrigo, M.P., għad-Disa' Distrett Elettorali; is-Sur Evarist Bartolo, B.A. (Hons.), M.Ed. (Wales), M.P., għall-Għaxar Distrett Elettorali; is-Sinjura Dolores Cristina, B.A. (Hons.), M.P., għall-Għaxar Distrett Elettorali; id-Dott. Tonio Borg, LL.D., M.P., għall-Ħdax-il Distrett Elettorali; is-Sur Tonio Fenech, B.A.(Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A.A., M.P., għat-Tnax-il Distrett Elettorali, skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 21 tar-regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali nhar il-Ħamis, is-17 ta' April, 2008, fid-8.00 a.m. fis-Sala għall-Għadd tal-Voti, in-Naxxar.

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Dr Michael Falzon, LL.D., M.P., for the Second Electoral Division; Dr Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., for the Second Electoral Division; Ms Helena Dalli, B.A. (Hons.), M.P., for the Third Electoral Division; Dr George Vella, M.D., M.P., for the Fifth Electoral Division; Dr Charles Mangion, B.A.(Hons.), LL.D., M.P., for the Sixth Electoral Divisions; Mr Jeffrey Pullicino, B.Ch.D.(Hons.), M.P., for the Seventh Electoral Division; Dr Alfred Sant, M.Sc., M.B.A., D.B.A.(Harvard), M.P., for the Eighth Electoral Division; Mr Robert Arrigo, M.P., for the Ninth Electoral Division; Mr Evarist Bartolo, B.A. (Hons.), M.Ed. (Wales), M.P., for the Tenth Electoral Division; Ms Dolores Cristina, B.A. (Hons.), M.P., for the Tenth Electoral Division; Dr Tonio Borg, LL.D., M.P., for the Eleventh Electoral Division; Mr Tonio Fenech, B.A.(Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A.A., M.P., for the Twelfth Electoral Division, in accordance with the provisions of regulation 21 of the regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act, 1991, on Thursday, 17th April, 2008, at 8.00 a.m. at the Counting Hall, Naxxar.

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi se jistabbilixxu permezz tax-xorti l-ordni ta' kif se jiġu eżaminati l-poloz tal-votazzjoni ta' Dott. Michael Falzon, LL.D., M.P., u tas-Sinjura Helena Dalli, B.A. (Hons.), M.P., għat-Tieni u t-Tielet Distrett Elettorali rispettivament, tas-Sur Jeffrey Pullicino, B.Ch.D.(Hons.), M.P., tad-Dott. Tonio Borg, LL.D., M.P. u tas-Sur Tonio Fenech, B.A.(Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A.A., M.P., għas-Seba', il-Ħdax u t-Tnax-il Distrett Elettorali rispettivament kif ukoll dawk tas-Sur Robert Arrigo, M.P. u tas-Sinjura Dolores Cristina, B.A. (Hons.), M.P. għad-Disa' u l-Għaxar Distrett Elettorali rispettivament. L-ewwel eżami tal-poloz tal-votazzjoni skond kif stabbilit bix-xorti jibda fit-8.00 a.m. u immedjatament wara li dan jintemm jibda l-eżami tal-poloz tal-votazzjoni l-oħra rispettivament.

The Electoral Commissioners further notify that they shall establish by lot the order for the examination of the ballot papers of Dr Michael Falzon, LL.D., M.P., and Ms Helena Dalli, B.A. (Hons.), M.P., for the Second and Third Electoral Division respectively, of Mr Jeffrey Pullicino, B.Ch.D.(Hons.), M.P., Dr Tonio Borg, LL.D., M.P., and Mr Tonio Fenech, B.A.(Hons.) Accty., F.I.A., C.P.A.A., M.P. for the Seventh, Eleventh and Twelfth Electoral Division respectively, as well as those of Mr Robert Arrigo, M.P., and Ms Dolores Cristina, B.A. (Hons.), M.P., for the Ninth and Tenth Electoral Division respectively. The first examination of the ballot papers as established by lot shall commence at 8.00 a.m. and immediately after this is concluded the examination of the other ballot papers shall commence respectively.

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Dott. Joseph Mary Buttigieg
Is-Sur Mario Callus
Is-Sur Henry Distefano
Is-Sur Salvu Fenech
Is-Sur Vanni Ganado
Is-Sur Salvu Sant
Is-Sur Tony Sultana
Dott. Raymond Zammit

Kummissjonarji Elettorali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-15 ta' April, 2008

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Dr Joseph Mary Buttigieg
Mr Mario Callus
Mr Henry Distefano
Mr Salvu Fenech
Mr Vanni Ganado
Mr Salvu Sant
Mr Tony Sultana
Dr Raymond Zammit

Electoral Commissioners

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

15th April, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 22 ta' l-2008

Taħriġ ta Sparar bil-Browning mir-Ranges ta' Pembroke

Il-Forzi Armati ta' Malta se jagħmlu taħriġ bil-*Browning 0.50 Cal Heavy Machine Gun* fir-*Ranges* ta' Pembroke nhar i-Erbgħa, it-30 ta' April 2008.

Il-ħinijiet ta' l-isparar se jkunu mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. ħin lokali (6.00 a.m. sal-11.00 a.m. UTC).

L-eżerċizzju se jsir fl-inħawi magħluqa bil-pożizzjonijiet li ġejjin:

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 22 of 2008

Browning Shooting exercise from Pembroke Ranges

The Armed Forces of Malta will conduct a Browning 0.50 Cal Heavy Machine Gun live shooting exercise at Pembroke Ranges on Wednesday, 30th April 2008.

Times of the shooting exercise will be from 8.00 a.m to 1.00 p.m. local time (6.00 a.m. to 11.00 a.m. UTC).

2. The exercise will take place in the area enclosed by the following positions:

Minn Pożizzjoni A:
Latitude 35º 55'. 93 (T) *Longitude* 14º 28'. 96 (L)
u wara fuq *bearing* ta' 335 *True* x 8.5 Mili Nawtiċi għal:

Pożizzjoni B:
Latitude 36º 03'.63 (T) *Longitude* 14º 24'.54 (L)
u wara fuq raġġ ta' 8.5 Mili Nawtiċi ċentrati fil-pożizzjoni A għal:

Pożizzjoni C:
Latitude 36º 00' .18 (N) *Longitude* 14º 37'. 93 (E)
u wara fuq *bearing* ta' 240 *True* għal pożizzjoni A.

Il-bastimenti kollha għandhom jżommu 'l bogħod kemm jista' jkun mill-inħawi msemmija fejn se jsir l-isparar fid-dati u l-ħinijiet msemmija u għandhom jobdu l-istruzzjonijiet mogħtija mill-laneċ ta' salvataġġ li jkunu fl-inħawi u l-*Valletta Port Control*.

Charts affettwati: BA 194, 2537 u 2538

Irreferi għal pożizzjonijiet WGS 84 DATUM

Il-15 ta' April, 2008

From Position A:
Latitude 35º 55'. 93 (N) Longitude 14º 28'. 96 (E)
thence on a bearing of 335 True x 8.5 Nautical Miles to:

Position B:
Latitude 36º 03'.63 (N) Longitude 14º 24'.54 (E)
thence on an arc of a circle radius 8.5 Nautical Miles centred on position A to:

Position C:
Latitude 36º 00' .18 (N) Longitude 14º 37'. 93 (E)
thence on a bearing of 240 True to position A.

All vessels must keep well clear of the above firing areas on the date and times stated and must obey instructions given by safety launches patrolling the area and Valletta Port Control.

Chart affected BA 194, 2537 and 2538

Positions referred to WGS 84 DATUM

15th April, 2008

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema ta' *Equity Sharing* – Għajnuna lil Min Jixtri l-Ewwel Residenza mis-Settur Privat

B'riferenza għall-Iskema ta' *Equity Sharing* fejn tingħata għajnuna lil min jixtri l-ewwel residenza mis-settur privat, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Frar, 2007, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel dawn l-emendi:-

Biex tiżdied ma' Klawsola 1: Għan ta' l-iskema

F'każ ta' persuni b'diżabilità, din l-iskema tapplika wkoll għal-xiri ta' proprjetà suċċessiva oħra jekk id-diżabbiltà tkun manifestat ruħha wara x-xiri ta' l-ewwel proprjetà jew, jekk għal raġunijiet speċifiċi, id-dar tagħhom ma tkunx xierqa għalihom.

sub-Klawsola (d) (iii) ta' Klawsola 5 jinkludi dan il-paragrafu:-

F'każ ta' applikanti li għandhom diżabbiltà, li minħabba d-diżabbiltà tagħhom ma jistgħux jingħataw self mingħand il-Bank, jistgħu jikkwalifikaw jekk ikunu jippossjedu aktar minn €34,940.60 (Lm15,000) f'assi sabiex ikunu jistgħu jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom mis-settur privat.

Il-15 ta' April, 2008

HOUSING AUTHORITY

Equity Sharing – Assistance to First-Time Buyers Purchasing from the Private Sector

With reference to the Equity Sharing Scheme whereby assistance to first time buyers purchasing from the private sector is being given, published in the Government Gazette of the 13th February, 2007, the Housing Authority is publishing the following amendments:

To add to clause 1: Aim of Scheme

In case of persons with a disability, this scheme also applies for subsequent property purchased if the disability occurred after they purchased their first property, or for specific reasons rendering their current home unsuitable for them.

sub-clause (d) (iii) of Clause 5 to include the following paragraph:-

In case of applicants with a disability, that due to their disability were not given a bank loan, they can qualify if they possess more than € 34,940.60 (Lm 15,000) worth of assets in order to be able to purchase their first property from the private sector.

15th April, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

612

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell, permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' April 2008, fl-atti tar-Rikors ta' l-Appell numru 1480/1994 NC, fl-ismijiet Brian Bajada vs Anton Zerafa sive Zerafa Gregory, Angela mart Joseph Balzan u l-istess Joseph Balzan bħala Amministratur tal-komunjoni ta' l-akkwisti u Pierre Balzan, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Brian Bajada, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Illi billi ngħalqu proċeduri bil-miktub, fil-kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell, bejn Brian Bajada vs Anton Zerafa sive Zerafa Gregory, Angela mart Joseph Balzan u l-istess Joseph Balzan bħala Amministratur tal-komunjoni ta' l-akkwisti u Pierre Balzan, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' dina l-kawża għat-18 ta' Frar 2008, fil-11.30 a.m., u differita għas-7 ta' April 2008, fl-10.00 a.m., u differita għat-12 ta' Mejju 2008, fid-9.30 a.m.

Notifika: Brian Bajada, Flat 1, St Julian's Court, M. Dimech Street, St Julian's.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 15 ta' April, 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 4th April 2008, in the records of the Application of Appeal 1480/1994 NC, in the names Brian Bajada against Anton Zerafa sive Zerafa Gregory, Angela wife of Joseph Balzan and the same Joseph Balzan as the Administrator of the community of acquests and Pierre Balzan, ordered following publication for the purpose of service of Brian Bajada, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

That since the written procedures in the cause before the Court of Appeal between Brian Bajada vs Anton Zerafa sive Zerafa Gregory, Angela wife of Joseph Balzan and the same Joseph Balzan as Administrator of the community of acquests and Pierre Balzan, the Court fixed the hearing of this cause on the 18th February 2008, at 11.30 a.m., and put of to the 7th April 2008, at 10.00 a.m, and put off to the 12th May 2008, at 9.30 a.m.

Notify: Brian Bajada, Flat 1, St Julian's Court, M. Dimech Street, St Julian's.

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 15th April, 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

613

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' April 2008 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-atti tal-Mandat ta' qbid numru 2335/07LG preżentat fil-25 ta' Frar 2008 minn Vodafone Malta Limited (C-10865) kontra Aaron Mizzi (ID258980M) fejn talbet illi din il-Qorti:

Illi tramite ittra legali mibgħuta mill-Avukat Dottor Chris Cilia, is-soċjetà rikorrenti ġiet informata illi din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Diċembru 2007 tat digriet fejn ordnat ir-revoka tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 2335/07LG u kkundannat lis-soċjetà Vodafone Malta Limited sabiex tħallas lil Aaron Mizzi il-penali ta' €1,164.69 (Lm500) u jiġi rilevat li s-soċjetà esponeneti ma ngħatatx l-opportunità

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 8th April 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Application in the acts of Warrant of Seizure number 2335/07LG, filed on the 25th February 2008, by Vodafone Malta Limited (C-10865) against Aaron Mizzi (ID 258980M) whereby the interpellant company asked that this Court:

Through a legal letter sent by Advocate Doctor Chris Cilia, the interpellant company was informed that this Honorable Court on the 17th December 2007 gave a decree where it revoked the precautionary warrant of seizure number 2335/07LG and ordered the company Vodafone Malta Limited to pay Aaron Mizzi the penalty of €1,164.69 (Lm500), and it is pointed out that the interpellant company

illi twieġeb għar-rikors intavolat minn Aaron Mizzi tat-22 ta' Ottubru 2007 u għaldaqstant hemm il-ħtieġa li tippreżenta r-rikors odjern sabiex tikkjarifika l-pozizzjoni tagħha;

Dan il-mandat ġie esegwit u dak il-ħin Mizzi wettaq pagament ta' €116.47 (Lm50) lir-rappreżentant tas-soċjetà esponenti fil-waqt illi obbliga ruħu illi jibda jagħmel pagamenti mensili ulterjuri u dana bix-xhieda tal-marixxall eżekutatanti Luqa Ghigo dan bl-intendiment bejn iż-żewġ partijiet kien illi s-soċjetà esponenti ma tiħux passi ulterjuri fil-konfront ta' Mizzi, inkluż bil-ftuħ ta' kawża sakemm l-istess Mizzi iwettaq il-pagamenti dovuti;

Illi għaldaqstant it-terminu impost fil-Kap. 12 ġie sospiż stante l-ftehim bejn il-partijiet;

Illi s-soċjetà esponenti ma kellha ebda problema biex tiftah kawża entro t-terminu, iżda żammet mal-ftehem bejn il-partijiet illi kawża ma tinfetaħx sakemm Mizzi jkun regolari fil-ħlas mensili;

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors is-soċjetà esponenti intavolat kawża fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar kontra l-istess Aaron Mizzi;

Għaldaqstant is-soċjetà Vodafone Malta Limited umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. tissospendi l-effetti eżekuttivi tad-digriet minnha mogħti fis-17 ta' Diċembru 2007, sakemm din l-Onorabbli Qorti tiddetermina t-tieni talab segwenti;

2. tirrevoka contrario imperio, id-digriet tagħha datat 17 ta' Diċembru 2007

Rikorrenti: Vodafone House, Valley Road, Imsida
Intimate: Shandia, Triq is-Sajf, Qormi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

wasn't given the opportunity to answer the application made by Aaron Mizzi on the 22nd October 2007 and so there was the need that this application was made so that it will clarify its position;

The warrant was executed and at that time Mizzi made a payment of €116.47 (Lm50), to the representative of the interpellant company, and obliged himself that he will start making further monthly payments and this by witness of the Marshall Luqa Ghigo and this with the agreement between the two parties that the interpellant company will not take further action against Mizzi, including the institution of a lawsuit until Mizzi will carry out the payments due;

That thus this term imposed in Chapter 12 was suspended due to the agreement between the two parties;

The interpellant company had no problem to institute a lawsuit within such time, but it abided with the agreement between the two parties that it will not institute a lawsuit until the same Mizzi will be paying regularly;

Together with this application the interpellant company filed a Notice in the Tribunal of Small Claims against the same Aaron Mizzi;

Thus the company Vodafone Malta Limited prays that this Honorable Court:

1. suspends the execution effects of this decree given on the 17th December 2007, until this Honorable Court decides on the second demand which follows:

2. revokes contrario imperio the decree of the 17th December 2007.

Interpellant: Vodafone House, Valley Road, Msida;
Respondent: Shandia, Triq is-Sajf, Qormi.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 15th April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*